**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 19 ta’ Frar 2025

Każ Numru: 6585/2024

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**John Cassar**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 104664M)

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat John Cassar, iben Joseph u Carmen nee’ Tabone, imwieled Attard nhar is-7 ta’ Frar 1964, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 104664M, u residenti Portomaso, 1351, Vjal Portomaso, San Giljan:

> “Akkużat/a talli bejn nhar it-30.03.2024 għal ħabta ta’ 18.00hrs u 31.06.2024 għal ħabta ta’ 01.00hrs ġewwa Triq Tas-Sliema, Gżira, f’diversi ħinijiet u b’diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda (Art, 18 Kap 9):

1. Bil-lejl, volontarjament ksirt il-mistrieħ, tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b’mod ieħor. Art. 338(m) Kap. 9.

2. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju. Art. 338(dd) Kap. 9.

3. Fi triq, f'ħanut jew f'post pubbliku ieħor, jew f'bini ieħor, ħaddimt jew ġegħelt jew ippermettejt li jitħaddem 'loudspeaker', gramafon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jew ġegħelt jew ħallejt li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lid-detenturi jew nies li joqogħdu f'bini qrib u dan bi ksur ta' Art.41(2)(a)(b) tal-kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta.

U iżjed akkużat/a talli nhar l-1 ta' Lulju 2024 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat preċedenti:

4. Wara li kont avżat/a kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi fl-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema sabiex tagħti dak it-tagħrif u/jew ġġib miegħek dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni, inqast li tagħmel dan. Art.355AD(3)(4)(5) Kap.9."

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2024, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma għandiex aktar provi xi tressaq.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2024, id-difiża ddikjarat li m'għandiex provi xi tressaq.

Semgħat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi dan il-każ jitratta rapport li sar minn Henry Dingli ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema fil-31 ta' Mejju 2024 għal ħabta tas-siegħa u kwart ta' filgħodu. Fir-rapport tiegħu

Henry Dingli sostna li huwa jgħix ġewwa Flat 1, Gresco Apartments, Triq tas-Sliema, Gżira li jiġi maġenb il-ħanut bl-isem Azzopardi Gżira Fish Shop. Fir-rapport tiegħu Henry Dingli sostna li għal l-aħħar sentejn, ta' kuljum il-familja tiegħu kienet qegħda tkun disturbata bi storbju li ġej minn l-imsemmi ħanut. Sostna li l-istorbju ġej minn xi tip ta' pompa tal-ilma li tintuża matul il-ġurnata u anke bil-lejl. Sostna wkoll li minkejja li kemm il-darba kellem lil sid il-ħanut u ċioé lis-Sur Cassar fuq dan l-inkonvenjent u minkejja li s-Sur Cassar kien jinfurmah li huwa kien se jneħħi din il-pompa, l-imsemmija pompa baqgħet qatt ma tneħħiet.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. **Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *"Akkużat talli bejn nhar it-30.03.2024 għal ħabta ta' 18.00hrs u 31.06.2024 għal ħabta ta' 01.00 ġewwa Triq Tas-Sliema, Gżira, f'diversi ħinijiet u b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (Art, 18 Kap 9):*

   *Bil-lejl, volontarjament ksirt il-mistrieħ, tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor. Art. 338(m) Kap.*

Fix-xhieda tiegħu l-parte civile Henry Dingli xehed li l-inkonvenjent ilu jseħħ is-snin għax matul il-lejl l-imputat iħalli l-magni mixgħula u jagħmlu ħafna storbju. Huwa sostna li huwa joqgħod bieb ma bieb mal-ħanut tal-imputat Azzopardi Gżira Fish Shop. Huwa sostna li lill-imputat ikellmu ta' kuljum rigward dan l-istorbju. Ġieli jagħmel ftit żmien bil-magni mitfija, mbagħad eventwalment jerġa jixgħel il-magni kollha u jerġa jibda l-istorbju insapportabbli. Il-magni jinsabu fil-basement. Il-magni ma jintfew qatt. Sostna wkoll li huwa jaf li l-imputat huwa sid il-ħanut għax il-permessi qegħdin kollha fuqu.

Min naħa l-oħra fit-trattazzjoni finali tagħha, d-difiża sostniet li l-imputat ma għandux jinstab ħati u dan għaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova min huwa l-persuna responsabbli għall-attività kummerċjali jew li lilha tippartjeni din l-istess attivita' kummerċjali fil-ħanut. Id-difiża sostniet li l-fatt li persuna tkun fil-ħanut ma jfissirx li r-reġistrazzjoni ta' din l-attività kummerċjali qegħda fuq din il-persuna.

Din il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Oswald Scicluna** deċiża fit-23 ta' Marzu 2023 fejn il-Qorti sostniet li:

*"Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw* ***il-best evidence rule****, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:*

*'Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.'*

*Hu mistenni mill-partijiet li jkunu jridu jippruvaw il-każ tagħhom li jresqu l-aħjar prova disponibbli għalihom. Bħala regola, jekk jiġi b'xi mod muri li dik l-evidenza li tkun tresqet ma tkunx l-aħjar evidenza li l-parti li tipproduċiha kienet f'qagħda li tressaq, il-Qorti tkun trid tiskarta dik l-evidenza u ma tistrieħx fuqha. Din ir-regola hija intiża li tassikura li l-evidenza li titressaq tkun awtentika, veritjiera u b'saħħitha u mhux qarrieqa, kontraffatta jew dgħajfa. Għalhekk il-parti li trid tipprova fatt jew allegazzjoni trid tressaq evidenza li tkun l-aħjar evidenza li tista' tinġieb quddiem il-Qorti minn dik il-parti, u li jkun possibbli għal dik il-parti li tressaqha. Jekk dik l-evidenza tkun teżisti u disponibbli allura dik il-parti hija obbligata li tressaq dik l-evidenza u ebda evidenza oħra. Dik il-parti tkun tista' biss tressaq quddiem il-Qorti evidenza oħra, li ma tkunx l-aħjar evidenza biss meta l-aħjar evidenza ma tkunx tista' tinġieb minn dik il-parti. Fi ftit kliem din ir-regola teskludi evidenza ta' kwalita inferjuri meta evidenza ta' kwalita superjuri tkun disponibbli; u tippermetti evidenza ta' kwalita inferjuri biss meta l-evidenza ta' kwalita superjuri ma tkunx disponibbli.*

*F'dan is-sens allura d-dottrina tagħmel distinzjoni bejn evidenza primarja u evidenza sekondarja. L-evidenza primarja hija dik li titqies, minn natura tagħha stess, bħala l-aħjar evidenza fiċ-ċirkostanzi tal-każ b'mod li teskludi li jkun hemm evidenza oħra aħjar minnha. Din l-evidenza tirbaħ fuq tipi ta' evidenza oħra minħabba li tkun kwalitattivament superjuri għal kull tip t'evidenza oħra li tista' tkun disponibbli. Minħabba li tkun ta' kwalita aqwa u aħjar, din l-aħjar evidenza toffri iżjed kunfidenza u serħan il-moħħ lil min ikun irid jiġġudika l-fatt peress li tagħtih iżjed ċertezza li fuqha jkun jista' jserraħ id-deċiżjoni tiegħu.*

*L-evidenza sekondarja, mill-banda l-oħra hija tip t'evidenza li minnha nnifisha tippresupponi l-eżistenza ta' xi evidenza li tkun kwalitativament aħjar minnha; iżda minħabba xi raġuni partikolari dik l-evidenza li tkun kwalitativament superjuri għaliha ma tkunx tista' tiġi prodotta bi prova fil-proċess penali. Minħabba li din l-evidenza sekondarja titqies kwalitativament inferjuri għall-evidenza primarja ma tistax tiġi prodotta b'evidenza fi proċeduri kriminali għajr ħlief meta ma jkunx possibbli li titressaq l-evidenza primarja. Evidenza primarja, li allura tkun l-aħjar evidenza ma titqies li ma tkunx għadha tista titressaq fil-Qorti f'każ fejn din tkun ġiet meqruda, kompromessa, mitlufa jew ġenwinament ma tkunx tista' tinstab. Għalhekk mhux possibbli għal persuna akkużata li tressaq id-difiża tan-nuqqas tal-aħjar prova meta tkun hi stess il-kawża tal-għibien jew l-indisponibilita tal-aħjar prova fil-każ.*

*L-evidenza sekondarja tista' biss titressaq bi prova fi proċeduri penali biss meta jkun impossibbli li titressaq l-aħjar prova disponibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ jew fejn l-aħjar evidenza ma tkunx tista' tiġi prodotta għajr ħlief b'inkonvenjent enormi. Iżda anke hawn, il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma taqbadx u taċċetta din it-tip ta' evidenza kif ġieb u laħaq. Kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Il-Qorti tal-Ġustizzja Kriminali tista' taċċetta dik l-evidenza skont kemm dik l-evidenza sekondarja tkun ta' kwalita tali li tista' tistrieħ fuqha."*

Il-Qorti wara li rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti tosserva li l-uniku prova miġjuba mill-Prosekuzzjoni rigward fuq min hija rreġistrata l-attività kummerċjali li ssir fil-ħanut hija biss x-xhieda tal-parte civile fejn isostni li l-permessi tal-ħanut qegħdin kollha f'isem l-imputat.

Din il-Qorti ssostni li anke jekk għal grazzja tal-argument hija tagħżel li temmen dak li qiegħed jingħad mix-xhud, u ċioé li l-permessi tal-ħanut qegħdin kollha fuq l-imputat ċertament li l-prosekuzzjoni naqset mili tressaq l-aqwa prova u dan a rigward fuq l-identità tal-persuna li tabilħaqq hija responsabbli għall-attività kummerċjali li ssir ġewwa l-ħanut.

Għalhekk din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

3. **It-Tieni Imputazzjoni:** *"Akkużat talli bejn nhar it-30.03.2024 għal ħabta ta' 18.00hrs u 31.06.2024 għall-ħabta ta' 01.00 ġewwa Triq Tas-Sliema, Gżira, f'diversi ħinijiet u*

*b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (Art, 18 Kap 9):*

*Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju. Art. 338(dd) Kap.9."*

Kif diġà ngħad, il-prosekuzzjoni naqset mili tressaq l-aqwa prova, u dan rigward l-identità tal-persuna li tabilħaqq hija responsabbli għall-attività kummerċjali li ssir ġewwa l-ħanut.

Għalhekk din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

4. **It-Tielet Imputazzjoni:** *"Akkużat talli bejn nhar it-30.03.2024 għal ħabta ta' 18.00hrs u 31.06.2044 għall-ħabta ta' 01.00 ġewwa Triq Tas-Sliema, Gżira, f'diversi ħinijiet u b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (Art, 18 Kap 9):*

   *Fi triq, f'ħanut jew f'post pubbliku ieħor. Jew f'bini ieħor, ħaddimt jew ġegħelt jew ippermettejt li jitħaddem 'loudspeaker', gramafon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jew ġegħelt jew ħallejt li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lid-detenturi jew nies li joqogħdu f'bini qrib u dan bi ksur ta' Art.41(2)(a)(b) tal-kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   Kif diġà ngħad l-prosekuzzjoni naqset mili tressaq l-aqwa prova u dan a rigward l-identità tal-persuna li tabilħaqq hija responsabbli għall-attività kummerċjali li ssir ġewwa l-ħanut.

   Għalhekk din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

5. **Ir-Raba' Imputazzjoni:** ***U iżjed akkużat/a talli*** *nhar l-1 ta' Lulju 2024 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat preċedenti:*

*Wara li kont avżat/a kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi fl-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema sabiex tagħti dak it-tagħrif u/jew ġġib miegħek dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni, inqast li tagħmel dan. Art.355AD(3)(4)(5) Kap.9.*

Fl-affidavit tiegħu PC 2431 S.Farrugia jsostni li minkejja li l-imputat John Cassar kien ġie mitlub mill-pulizija sabiex jirraporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema sabiex jiġi mitkellem u jagħti l-verżjoni tiegħu rigward ir-rapport li sar minn Henry Dingli, huwa naqas milli jagħmel dan. L-istess jingħad fir-rapport tal-Pulizija.

Illi fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizja vs Noel Ciantar** ingħad is-segwenti:

*"Illi l-procedura penali taghna hi cjara meta tipprovdi fl-artikolu 355AD tal-Kodici Kriminali l-iskop ghaliex persuna tista' tigi mitluba tattendi f'Ghassa:*

*(3) Il-Pulizija tista, bil-fomm jew b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi persuna li tattendi l-Għassa talPulizija jew xi post ieħor li tindikalha sabiex hemm tagħti dak it-tagħrif u ġġib magħha dawk iddokumenti li l-Pulizija jistgħu jinħtieġu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Għassa tal-Pulizija jew post lilha indikat hija għandha titqies bħala li tkun attendiet dik l-Għassa tal-Pulizija jew post ieħor volontarjament. L-avviż bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jkun fih twissija dwar ilkonsegwenzi li nnuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5).*

*Mill-istess affidavit ma jirrizultax li l-imputat intalab jaghti xi taghrif jew jipproduci dokumenti kif jissemma f'dak l-artikolu. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat gie interrogat bhala persuna suspettata, ghalkemm inghata d-drittijiet tieghu ai termini tal-ligi.*

*Ghaldaqstant mhemmx dubbju li l-prattika adoperata f'dan il-kaz hi wahda anomala ghall-ahhar, irregolari u ma ssibx komfort b'xi disposizzjoni legali. Ma jaghmel l-ebda sens li persuna tigi msejjha tirrikorri f'Ghassa semplicement biex tigi informata li ser jinhargu akkuzi fil-konfront taghha."*

Illi l-Qorti ssostni li anke f'dan il-każ, mill-provi produċibbli ma jirriżultax li l-imputat intalab jaghti xi tagħrif jew jipproduċi dokumenti kif jissemma fl-artikolu 355AD. Lanqas ma jirriżulta li l-imputat ġie interrogat mill-pulizija.

Għalhekk din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

## C. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lill-imputat John Cassar detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 104664M mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM--------------------------------**